# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Gimgha 30 ta’ Novembru 2001**

**Avviz. numru 1670/99**

**Numru 26**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Ludgardo Attard**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ erba’ mija u erbghin lira u tmien centezmi (Lm 440.08,0) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 225427 (skond kif jirrizulta mill-”statement” anness mal-avviz Dok A) u dana skond ma kif jidher mis-”service agreement” anness mal-avviz u markat Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tas-29 ta' Dicembru 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz minn fol 2 sa fol 4 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (fol 10 et seq ibid):-

1. Illi huwa telaq mill-fond 103A, Victory Street, Hamrun fil-hmistax ta' Gunju tas-sena elf disa mija u erbgha u disghin u ma baqghax jabita fil-fond fuq imsemmi, stante li hu bieghu il-fond imsemmi permezz ta' kuntratt publikat fl-atti tan-Nutar Dr J.P. Hayman LL.D. fl-imsemmija data. Kuntratt anness mal-eccezzjonijiet Dok A.

2. Illi malli bieghu il-fond, huwa talab lis-socjeta' attrici biex jitnehha is-servizz tat-telephone mill-fond imsemmi.

3. Fit-tielet lok, l-istess Ludgardo Attard, kien fl-istess zmien mar jabita fil-fond "Alessia" fi triq il-Brunzar, Santa Venera, u hemm hekk huwa talab ghal servizz telefoniku gdid, u fil-fatt inghata servizz gdid bin-numru 484833 u ta' liema servizz huwa dejjem hallas b'mod regolari.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 18, 20 u 21 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' attrici ipproduciet bhala xhud lill-Prokurator Legali Noel Scerri (fol 19 tal-istess atti) li, oltre li kkonferma l-kontenut tad-dokumenti a fol 2 sa fol 4 tal-istess atti, esebiti mill-istess socjeta attrici flimkien mal-avviz in esami, sostna li l-ammont specifikat fl-avviz kien ghadu dovut mill-konvenut lill-istess socjeta attrici.

Ikkunsidrat

Illi da parti tieghu, l-konvenut kien deher quddiem il-Qorti f'seduta wahda biss (fol 9 ibid) f'liema seduta hu kien iddikjara li ser jikkontesta t-talba attrici. Pero' avolja l-konvenut ippresenta l-imsemmija nota tal-eccezzjonijiet flimkien ma dokument markat Dok A, hawn fuq imsemmi hu, personalment, qatt ma deher quddiem din il-Qorti sabiex jissostanzja dak allegat minnu fl-istess nota tal-eccezzjonijiet specjalment dak sostnut minnu fil-paragrafi enumerati tnejn (2) u tlieta

(3) fl-istess nota (ara, b'mod specjali, dak verbalizzat a fol 18 u a fol 20 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, fic-cirkostanzi kif hawn fuq esposti l-istess Qorti ma ghandhiex ghazla ohra hlief li takkolji t-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm440.08,0 bl-imghax legali mid-29 ta' Dicembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Dicembru 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Deputat Registratur